MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 54/2019 LM

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 3826/2018 fl-ismijiet:

**L-Awtorità tal-Ippjanar**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Christian Camilleri (K.I. 434485M) u Nazzareno Camilleri (K.I. 182453M)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Christian Camilleri (K.I. nru. 434485M)** u **Nazzareno Camilleri (K.I. nru. 182453M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fl-14 ta' Novembru, 2022 [hawnhekk 'is-sentenza

appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, iddikjarat li l-pretensjonijiet tal-intimata **Awtorità tal-Ippjanar** kif dedotti fl-ittra uffiċjali numru 3826/2018 huma korretti, u għalhekk iddikjarat li l-ittra uffiċjali u d-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha għandhom l-istess effett bħal sentenza finali fil-konfront tar-rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti, huma spjegaw li ġew notifikati b'ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 100 subartikolu 5 u 6 tal-Kap. 552, li permezz tagħha kien qiegħed jintalab mingħandhom il-ħlas tas-somma ta' €6,940 bħala multa. Ir-rikorrenti qalu li t-talbiet tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-konfront tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu respinti. Fir-rigward ta' Christian Camilleri, ir-rikorrenti qalu li dan mhuwiex is-sid tal-proprjetà bl-isem 'San Filep' Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ in kwistjoni [hawnhekk 'il-proprjetà in kwistjoni'] u lanqas m'għandu xi permess tal-iżvilupp maħruġ f'ismu. Qalu wkoll li l-avviż ta' twettiq numru ECF209/17 jirreferi għall-permess tal-iżvilupp li jġib in-numru PA6906/97, li kien inħareġ f'isem Nazzaraeno Camilleri, u għalhekk Christian Camilleri ma jistax jinstab responsabbli għall-ħlas tal-imsemmija multa. Qalu li safejn it-talba fl-ittra uffiċjali hija indirizzata kontra Nazzareno Camilleri, din għandha tiġi respinta stante li ma jirriżultax li l-Awtorità tal-Ippjanar ikkonformat ma' dak stipulat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 fejn għandu x'jaqsam Nazzareno Camilleri, u għalhekk il-proċedura adoperata permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali hija waħda irritwali.

3. **L-Awtorità tal-Ippjanar** wieġbet li r-rikorrent Christian Camilleri ma jistax jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jikkontesta l-mertu tal-*enforcement notice* numru 209/17, abbażi tal-allegazzjoni li huwa mhuwiex is-sid tal-proprjetà inkwistjoni, u lanqas m'għandu permess tal-iżvilupp maħruġ f'ismu. Qalet li f'każ li r-rikorrent ried jagħmel dan, huwa kellu jikkontesta l-mertu tal-*enforcement notice,* u kellu jirrikorri għar-rimedju disponibbli għalih skont il-liġi, jiġifieri permezz ta' appell mill-*enforcement notice* quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar *ai termini* tal-artikolu 36 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Awtorità tal-Ippjanar saħqet li ladarba r-rikorrent naqas milli jressaq appell minn din l-*enforcement notice,* għandu jitqies li huwa ssokkomba u aċċetta l-ordni fl-istess Avviż. L-Awtorità tal-Ippjanar żiedet tgħid li dak li qiegħed jinsisti dwaru Christian Camilleri jammonta għal amissjoni da parti ta' Nazzareno Camilleri li huwa ħati għall-iżvilupp illegali mertu tal-*enforcement notice* 209/17. Qalet ukoll li mhux minnu li l-Awtorità ma mxietx b'konformità ma' dak stipulat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24, u talbet lir-rikorrent jispjega din l-eċċezzjoni tiegħu deskritta bħala "vaga".

**<u>Mertu</u>**

4. Ix-xhud **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar, fid-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, spjega li l-Awtorità kienet ħarġet ittra uffiċjali fil-konfront tar-rikorrenti fit-12 ta' Novembru, 2018 *ai termini* tal-artikolu 100, subartikoli 5 u 6 tal-Kap. 552, u dan fir-rigward tal-proprjetà bl-isem 'San Filep' Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ. Qal li mal-*enforcement notice* hemm *site-plan* sabiex jiġi identifikat is-sit. Ix-xhud spjega li fuq is-sit hemm permess għall-bini wieħed li nħareġ fl-1997, u qal li għalhekk il-bini nnifsu huwa

kopert b'permess, bl-użu approvat ikun dak ta' *agricultural store.* Qal li l-*enforcement notice* inħarġet minħabba bdil fl-użu. Ix-xhud spjega li l-avviż tal-infurzar huwa maħsub biex jolqot kemm żvilupp illegali kif ukoll bdil fl-użu, u fil-każ odjern fost l-iżvilupp illegali li sar fuq is-sit, hemm it-twaħħil ta' xatba, it-tpoġġija ta' reklami mal-faċċata, il-bini ta' bitħa u l-bini ta' ħajt, u dawn l-iżviluppi ma kinux parti mill-binja approvata bil-permess tal-1997. Ix-xhud spjega li l-parti tal-istruttura milquta mill-multa pretiża fl-ittra uffiċjali, hija l-parti ta' wara tal-binja li nksiet bil-konkos. Kompla jgħid li l-użu mhux approvat huwa minħabba li l-maħżen agrikolu ġie estiż, is-saqaf għola, u l-maħżen qiegħed jintuża bħala garaxx ta' mekkanik. Qal ukoll li l-bitħa qegħda tintuża għaż-żamma ta' vetturi, u madwarha nbena ħajt għoli b'ġebel tal-franka, iżda dawn l-illegalitajiet mhumiex milqutin mill-multa imposta. Ix-xhud qal ukoll li mill-*orthophotos* esebiti, għandu jirriżulta li uħud mill-illegalitajiet fuq is-sit kienu hemm sa mill-2008, iżda qal li l-illegalitajiet li saru qabel l-2012 mhumiex suġġetti għall-multa li trid titħallas kuljum. Ix-xhud qal ukoll li mir-ritratti ma jistax jiġi stabbilit jekk l-art li bdiet tintuża għal użu divers, kinitx diġà miksija bil-konkos f'dak iż-żmien.

5. **Robert Attard**, *Enforcement Officer* mal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed li fil-każ odjern kien daħal rapport fejn ġie allegat li nbidel l-użu tal-post għal dak ta' mekkanik. Qal li fis-26 ta' Ġunju, 2017 saret spezzjoni fuq il-post, li kien instab magħluq u għalhekk kienet tħalliet ittra. Qal li Christian Camilleri kien ikkuntattjah dakinhar stess, u kien qallu li kellu ċertifikat maħruġ mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority, li jiċċertifika li minn fejn kien qiegħed jopera bħala mekkanik jilħaq l-i*standards* ta' dik l-Awtorità. Żied jgħid li dan iċ-ċertifikat ma jagħtix permess lis-sid biex jopera bħala mekkanik, u fuq

is-sit ma ngħata l-ebda permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għal bidla fl-użu. Qal ukoll li meta saret spezzjoni oħra fuq is-sit, Christian Camilleri kien ikkonferma li huwa l-okkupant tas-sit, u li missieru huwa s-sid. Qal ukoll li waqt l-ispezzjoni ġie kkonstatat li l-post qiegħed jintuża għal xogħol ta' mekkanik. Kompla jgħid li wara li għamel riċerki, kien sab li fuq is-sit kien inħareġ permess għat-twaqqigħ tal-maħżen agrikolu, u sabiex floku jinbena ieħor b'sistema taħt l-art miegħu. Qal li fl-2003 kienet inħarġet l-ordni ta' infurzar għaliex il-maħżen li nbena kien akbar minn dak approvat. Qal li minn riċerka ulterjuri li saret, ġie stabbilit li maġenb il-maħżen hemm bitħa li qegħda tintuża għall-parkeġġ ta' vetturi li jkunu ser jissewwew, u din ukoll inbniet illegalment bejn l-2004 u l-2008, u nksiet bil-konkos. Qal li l-bitħa hija mdawra b'ħajt għoli tal-franka, u għandha aċċess separat għaliex fuqha twaħħlet xatba. Ix-xhud ikkonferma li sal-2018, il-multa għal kull ġurnata ta' illegalitajiet kienet telgħet għal €6,940. Qal ukoll li l-illegalitajiet kollha li saru fuq is-sit qabel il-25 ta' Novembru, 2012 mhumiex milquta minn din il-multa. Spjega li minkejja li l-maħżen agrikolu ġie estiż u qiegħed jintuża għal xogħol ta' mekkanik, dan mhux suġġett għall-multa għaliex ma setax jiġi stabbilit minn meta beda l-użu tiegħu għal xogħol ta' mekkanik. Qal ukoll li l-għoli estiż tas-saqaf lanqas m'huwa suġġett għall-multa. Qal li lanqas l-użu tal-bitħa għaż-żamma tal-vetturi u l-bini tal-ħajt b'ġebel tal-franka m'huma suġġetti għall-multa, u l-multa ġiet imposta minħabba fl-estensjoni tal-bitħa li saret wara l-25 ta' Novembru, 2012.

6. **Roderick Livori** *judicial representative* tal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed li rigward l-ordni ta' infurzar ma kien hemm l-ebda appell. Spjega li l-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* ħarġet ċertifikat li jikkonferma li l-

post jista' jintuża għal xogħol ta' mekkanik, iżda li l-Awtorità tal-Ippjanar qatt ma ħarġet permess biex is-sit ikun jista' jintuża għal dan l-iskop.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, iddikjarat li l-pretensjoni tal-Awtorità intimata kif dedotta fl-ittra uffiċjali numru 3826/2018 u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha hija korretta, u għalhekk iddikjarat li l-istess dikjarazzjoni għandha, għal kull buon fini ikollha l-istess effett bħal sentenza finali fil-konfront tar-rikorrenti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet:***

*10. Illi l-ħruġ ta' Avviż ta' Waqfien u Twettiq huwa regolat inter alia fl-Artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp) illi jipprovdi fost oħrajn illi:*

**97(4) Jekk il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu li xi attività u, jew żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ f'dak ir-rigward taħt dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa, il-Kunsill Eżekuttiv jista', wara li jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet għall-iżvilupp, policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni oħra ta' sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-okkupant tal-art jew lill-persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, avviż ta' twettiq u s-subartikolu (3) għandu japplika hawn ukoll, billi jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet fih qabel ma saret l-attività u, jew l-iżvilupp jew għat-tneħħija ta' żvilupp jew sabiex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-każ, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija,**

**jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħlijiet, il-waqfien ta' xi użu ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew xogħlijiet oħra ...**

**97(7) Avviż taħt dan l-artikolu jista' jinkludi kombinazzjoni ta' avviż ta' waqfien u avviż ta' twettiq u għandu jkun magħruf bħala avviż ta' waqfien u twettiq. Iżjed minn hekk avviż mogħti skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, eskluż it-talba immedjata sabiex twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħol jew żvilupp jew li tkun teħtieġ il-waqfien għall-użu, għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.**

**97(11) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż notifikat lilha tista' tappella kontra tiegħu lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ l-effetti tal-avviż, ħlief it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew jirrikjedi t-twaqqif ta' użu, għandhom ikunu sospiżi sakemm l-appell jiġi maqtugħ b'mod finali.**

*11. Kif ġà ntqal aktar 'il fuq, l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq ma ġiex appellat mir-rikorrenti. Fil-fatt din il-proċedura mhijiex intiża biex twaqqaf jew b'xi mod terġa' tiftaħ mill-ġdid l-Avviż in kwistjoni. L-għan tagħha iżda huwa illi ġġib fix-xejn il-multa mitluba mill-Awtorità skont il-liġi **wara** li l-Avviż ma ġiex appellat, liema multa kienet tirrigwarda biss attività illegali li skont l-Awtorità seħħet wara d-dħul fis-seħħ tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolament dwar Multi għal Kull Ġurnata u Multi Amministrattivi) u mhux il-bqija tal-illegalitajiet elenkati fl-istess Avviż.*

*12. F'dan ir-rigward skont l-Art. 100(4) tal-Kap. 552:*

**100(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħhu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviż ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq:**

**Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew jiġu kkalkulati.**

*13. Skont l-Art. 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata u Multi Amministrattivi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif emendat):*

**3.(1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti (enfasi miżjuda), l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulta fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.**

*14. L-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imsemmi fl-artikolu preċitat (taħt liema artikolu l-Awtorità kienet toħroġ l-Avviżi ta' Waqfien u Twettiq) huwa analogu għal u ġie suċċedut mill-Art. 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp) fuq imsemmi. Għal xi raġuni jew oħra però l-leġislatur baqa' ma emendax ir-Regolamenti msemmija sabiex jirriflettu l-liġi li hija fis-seħħ illum. Għalkemm dan in-nuqqas ma jġibx b'daqshekk in-nullità tal-multi in kwistjoni, madanakollu l-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi l-leġislatur jindirizza din l-anomalija sabiex jevita kumplikazzjonijiet bla bżonn.*

*15. L-ittra uffiċjali mertu ta' din il-proċedura ġiet intavolata mill-Awtorità intimata bis-saħħa tal-Art. 100(5), (6) u (7) tal-Kap. 552 li jipprovdu kif ġej:*

**100 (5). L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artiklu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maħruġin taħt l-istess Att ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra ...**

**(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak ikun dovut.**

**(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' din id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.**

*16. Din il-proċedura hija għalhekk intiża mir-rikorrenti illi ġġib fix-xejn id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata annessa mal-ittra uffiċjali tagħha illi huma għandhom jagħtuha s-somma ta' €6,940 bħala multa komplessiva li ddekorriet skont ir-Regolamenti fuq imsemmija fir-rigward tal-iżvilupp speċifikat fl-Avviż in kwistjoni bejn l-1 ta' Settembru, 2017 u t-8 ta' Ġunju, 2018.*

*17. F'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin qabel xejn jikkontendu illi d-dikjarazzjoni ma tiswiex kontra r-rikorrent Christian Camilleri għaliex dan mhuwiex sid il-fond in kwistjoni u l-avviż ta' Waqfien u Twettiq jagħmel riferenza għall-iżvilupp PA 6906/97 liema permess kien inħareġ lil Nazzareno Camilleri u mhux lil Christian Camilleri.*

*18. Minn qari anke superfiċjali tal-liġi, ġia kkwotata aktar 'il fuq, il-Qorti tara illi din l-eċċezzjoni ma treġix għal iżjed minn raġuni waħda. Prinċipalment ġie ppruvat illi l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq in kwistjoni inħareġ mill-Awtorità kemm kontra Christian Camilleri bħala l-okkupant u kif ukoll kontra Nazzareno Camilleri bħala s-sid, xi ħaġa li hija permissibbli skont l-Art. 97(4) tal-Kap. 552. It-tnejn li huma kienu suġġetti għall-obbligazzjonijiet li joħorġu minn dan l-Avviż u irrispettivament mill-fatt illi l-permess tal-iżvilupp imsemmi fl-Avviż kien maħruġ biss lil Nazzareno Camilleri. Inoltre, l-Art. 100(5) jipprovdi ukoll illi l-Awtorità tista' tirkupra l-ammonti dovuti lilha bħala dejn ċivili kemm mis-sid tal-art, kif ukoll mill-okkupant jew minn xi persuna oħra li tkun responsabbli għall-għemil indikat fl-avviż.*

*19. Fir-rigward tal-eċċezzjoni l-oħra illi l-Awtorità naqset milli tikkonforma ruħha ma' dak stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 fil-konfront ta' Nazzareno Camilleri, ir-rikorrenti qed jikkontendu illi l-illegalità in kwistjoni, ċioe l-estensjoni tal-maħżen li kien approvat fuq il-parti ta' wara tas-sit oltre dak stipulat fil-permess PA 6906/97, saret qabel l-24 ta' Novembru, 2012 (ċioé d-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24) u għalhekk il-multa in kwistjoni qatt ma setgħet tibda tiddekorri.*

*20. Il-Qorti tqis illi l-Awtorità ressqet provi konklussivi u konvinċenti illi l-estensjoni saret tal-inqas wara l-15 ta' April, 2013 u dan kif jirriżulta mir-ritratti a fol. 48 u 49 tal-proċess. Għalhekk legalment il-multa fuq din l-illegalità setgħet tiskatta malli*

*daħlet fis-seħħ l-Avviż tal-Waqfien u Twettiq in kwistjoni u l-Awtorità kienet korretta titlob il-ħlas tagħha.*

***Ammont mitlub***

*21. Skont l-Art. 97 tal-Kap. 552, Avviż ta' Waqfien u Twettiq "***għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż"***. (fn. 12 Kap. 552, Art. 97(7)). Inoltre kif ġa ngħad aktar 'il fuq skont l-art. (3) tal-L.S. 552.24, il-multa tibda tiskatta "***għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda."**

*22. Mill-provi rriżulta illi l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq kellu terminu ta' sittax-il (16) ġurnata sabiex matulhom ir-rikorrenti jneħħu l-iżvilupp illegali u jreġġgħu lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu. Irriżulta wkoll illi l-Avviż ġie notifikat lir-rikorrenti fil-31 ta' Awwissu, 2017 u ma ġiex appellat, li jfisser allura illi l-multa ta' kuljum bdiet tiskatta mis-**<u>17 ta' Settembru, 2017</u>**. Il-multa applikabbli kienet dik li taqa' taħt il-Kategorija Ċ, xi ħaġa li ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti f'dik il-kawża. Sat-8 ta' Ġunju, 2018 (l-*end date *tal-perijodu tal-multa indikat mill-Awtorità fl-ittra uffiċjali tagħha) kienu għaddew 281 ġurnata mid-data tan-notifika u l-multa bdiet tiddekorri bir-rata ta' €10 kuljum b'effett mis-17 ta' Settembru, 2017 sal-20 ta' Ottubru, 2017, bir-rata ta' €20 kuljum b'effett mill-21 ta' Ottubru, 2017 sas-27 ta' Frar, 2018 u bir-rata ta' €40 kuljum b'effett mit-28 ta' Frar, 2018 sat-8 ta' Ġunju, 2018, għal total ta'* ***<u>€6,980</u>***.*

*23. L-Awtorità talbet l-ammont ta' €6,940 li għalhekk jirriżulta illi huwa wieħed ġustifikat billi huwa saħansitra ftit inqas minn dak li kellha titlob.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

***24. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Awtorità intimata kif dedotta fl-ittra uffiċjali numru 3826/2018 u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha hija waħda korretta u għalhekk għal kull bwon fini tiddikjara illi l-istess dikjarazzjoni issa għandha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti fil-konfront tar-rikorrenti.***

***Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."***

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellanti appellaw minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat fid-9 ta' Diċembru, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti jogħġobha tħassar,

tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fl-14 ta' Novembru, 2022, u tilqa' t-talbiet tagħhom taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

9. L-appellanti qalu li huma min-naħa tagħhom mhumiex jinsistu fuq l-ewwel raġuni mogħtija fir-rikors promutur tagħhom, dwar il-fatt li Christian Camilleri mhux is-sid tal-fond in kwistjoni, u lanqas m'huwa l-applikant tal-applikazzjoni odjerna. Qalu li għalhekk huma qegħdin jaċċettaw il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

10. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi. Qalu li fil-paragrafu 14 tad-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti qalet li l-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp huwa analogu u ġie suċċedut mill-artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-leġislatur baqa' ma emendax l-imsemmija Regolamenti sabiex jirriflettu l-liġi fis-seħħ illum. Qalu li dan kien wieħed mill-elementi kruċjali tal-kawża, u l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel eżami akkurat tiegħu. Qalu li mhux ir-rwol tal-Qrati li jsewwu żbalji leġislattivi, u jekk tagħmel hekk, il-Qorti tkun qegħda takkampa fuqha nnifisha rwol li m'għandhiex. L-appellanti qalu li l-ittra uffiċjali in kwistjoni inħarġet abbażi tal-Avviż Legali 276 tas-sena 2012, li ppromulga r-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata u Multi Amministrattivi (il-Liġi Sussidjarja 552.24). L-appellanti qalu li skont ir-regolament 3, l-Awtorità appellata kellha timxi mal-artikolu 86 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu li l-Avviż iżda ħareġ fis-sena 2017, u dan meta l-artikolu 86 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx għadu *in vigore*. Qalu li għalhekk l-Awtorità ma setgħetx u ma tistax tibbaża ruħha fuq liġi li ġiet abrogata. L-appellanti komplew jgħidu li

meta nħareġ l-Avviż, l-artikolu 86 tal-Kap. 504 ma kienx għadu fis-seħħ u għalhekk dan l-Avviż ma seta' jingħata l-ebda effett. Qalu li l-effikaċja ta' dak l-Avviż setgħet tibda biss wara li l-Awtorità tipproċedi *ai termini* tal-artikolu 86 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li ma setgħetx issir fil-każ odjern. Dan għaliex l-artikolu 86 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta tneħħa bl-Avviż Legali 107 tal-2016, b'effett mill-4 ta' April, 2016. L-appellanti qalu li l-Avviż in kwistjoni ħareġ fit-28 t'Awwissu, 2017, abbażi tal-Avviż Legali 275 tal-2012, li baqa' jagħmel riferiment għal artikolu ineżistenti. L-appellanti qalu li għahekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tibqa' tagħti effett u l-barka ġudizzjarja tagħha għal liġi ineżistenti. Qalu li l-multa ta' kuljum li tissemma' fil-Liġi Sussidjarja 552.24 setgħet tingħata biss, skont dik il-liġi, wara avviż *ai termini* tal-artikolu 86 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet, li ma baqgħax fis-seħħ.

11. L-appellanti qalu li dan kollu jammonta għat-tħaddim tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u żiedu jgħidu li min għandu poteri amministrattivi, għandu jeżerċitahom fil-limiti li ttih il-liġi. Qalu li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu jiġu mħarsa, u l-ksur tagħhom iwassal għal nullità tad-deċiżjoni, anke jekk l-osservanza tagħhom kienet ser twassal għal deċiżjoni identika. Qalu li minkejja li l-Ewwel Qorti aċċettat dan in-nuqqas, għaddiet hija stess biex tapplika liġi ineżistenti, u huwa prinċipju assodat li dak kollu li jidderiva minn att null, iġib miegħu l-ineffikaċja ta' dak kollu li jitnissel minnu. Qalu li ladarba l-Avviż inħareġ abbażi ta' liġi li kienet tirrikjedi konformità ma' liġi ineżistenti, din il-multa ma setgħetx tiġi mposta.

12. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Qalu li minkejja li huma jafu li din il-

Qorti ta' reviżjoni ma tistax tiddisturba leġġerment id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti f'dak li huwa ġudizzju fattwali, ma hemm xejn li jimpedixxi lil din il-Qorti milli tagħmilha ta' qorti ta' korrezzjoni fuq dan l-aspett. Qalu li l-Avviż inħareġ fis-sena 2017 abbażi ta' regolamenti tas-sena 2012, li daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Novembru, 2012. Qalu li dawn ma kellhom l-ebda effett retroattiv, u għalhekk l-effetti tagħhom jistgħu jikkonċernaw xi ksur li jseħħ wara d-data hemm indikata. Qalu wkoll li dak kollu li seta' seħħ qabel, ma setax jintlaqat b'din is-sanzjoni. L-appellanti għamlu riferiment għax-xhieda mogħtija minn Oliver Magro, rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, li qal li l-ħames raġunijiet għall-Avviż ma jikkonċernawx, jew aħjar ma skattawx l-għażla tal-Awtorità li timponi multa. Qalu li skont Magro, l-unika parti milquta minn din il-multa kienet l-estensjoni li saret fuq in-naħa ta' wara tal-fond. Qalu li l-Ewwel Qorti jidher li skartat għal kollox ir-ritratti ppreżentati mill-Awtorità stess, li juru s-sitwazzjoni kif kienet fl-2008 u mhux fl-2012, li juru li l-art baqgħet l-istess. Qalu li għalhekk huwa ċar li dak li qegħda tilmenta minnu l-Awtorità tal-Ippjanar, seħħ qabel l-24 ta' Novembru, 2012, u Magro stess ikkonferma li l-illegalitajiet li seħħew qabel l-2012 mhumiex suġġetti għal din il-multa. Qalu wkoll li kien Magro stess li kkonferma li l-estensjoni kienet diġà eżistenti f'dak iż-żmien, u huwa ma setax jikkonferma jekk kienx hemm konkos jew le. L-appellanti saħqu li kien dover tal-Awtorità appellata li tipprova bl-aħjar mod li kien sar kambjament kif allegat minnha fiż-żmien pertinenti, iżda minn dan kollu fl-atti ma hemm xejn. Qalu li l-unika prova li hemm huma ritratti meħuda minn Google Maps, iżda mhuwiex ċert meta ttieħdu dawn ir-ritratti. L-appellanti qalu li l-appellata setgħet tipprovdi *aerial photos* mis-sistema tagħha sabiex turi x'kambjament seħħ fuq is-sit qabel l-2012 meta mqabbel mas-snin ta' wara. Qalu li fil-fehma tagħhom

l-Awtorità appellata naqset milli tipprova l-fatti allegati minnha. Qalu wkoll li kien kollu inutli li ġew esebiti ritratti ta' x'kien hemm fis-sit fis-sena 2017, għaliex l-Awtorità appellata kellha obbligu turi d-differenza bejn dak li kien hemm fis-sena 2012 u dak li seħħ wara, u għalhekk f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib li l-provi miġjuba huma konklussivi u konvinċenti. L-appellanti qalu li meta wieħed jixtarr il-provi sew, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-estensjoni kienet diġà eżistenti qabel is-sena 2012, kif wara kollox ikkonfermat mix-xhud Oliver Magro.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-Awtorità appellata wieġbet li d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju, qalet li din il-pretensjoni ma tressqitx fir-rikors promutur u għalhekk din il-Qorti m'għandiex tiddetermina dan l-aggravju. Spjegat li din il-pretensjoni ġiet sollevata mill-appellanti l-ewwel darba fit-trattazzjoni orali u finali li saret quddiem l-Ewwel Qorti, u sostniet li pretensjoni bħal din ma setgħetx titressaq f'dak l-istadju, għaliex Qorti dejjem għandha tiddeċiedi vertenza fil-limiti tat-talbiet, premessi u aggravji mressqa mill-partijiet. Qalet li l-Ewwel Qorti rreferiet għal din il-pretensjoni bl-għan li l-leġislatur jindirizza dan il-punt, kif kull Qorti għandha obbligu li tagħmel meta tiltaqa' ma' disposizzjonijiet leġislattivi li jeħtieġ li jiġu aġġornati. Qalet li l-appellanti qegħdin jippretendu li din il-Qorti tixtarr pretensjoni meta din ma ġietx issollevata minnhom fir-rikors promutur skont il-liġi tal-proċedura. Qalet li kemm ir-regoli ta' sustanza u anki dawk ta' proċedura huma importanti, għaliex it-tnejn li huma jissalvagwardjaw u jinnewtralizzaw id-drittijiet tal-partijiet kollha involuti f'kawża, u l-fatt li din il-pretensjoni ma ġietx

sollevata mir-rikorrenti fir-rikors promutur, jikser id-dritt tad-*doppio esame* tal-Awtorità tal-Ippjanar peress li hija ġiet ippreżentata bi pretensjonijiet fejn hija ma setgħetx tiddefendi d-deċiżjoni u l-pożizzjoni tagħha kontrihom. Qalet li dan in-nuqqas huwa aktar amplifikat meta wieħed jiftakar li l-Awtorità tal-Ippjanar taġixxi fl-interess pubbliku, u huwa fl-interess tal-ġustizzja li kull parti tingħata smigħ xieraq, billi tiġi mgħarrfa bil-pretensjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u titħalla tressaq il-provi tagħha fir-rigward. Qalet li għalhekk dan l-aggravju m'għandux jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti, peress li huwa legalment infondat.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-Awtorità appellata saħqet li dan ukoll huwa legalment infondat, għaliex il-proċeduri odjerni m'għandhomx iservu bħala appell mill-Avviż u mill-mertu tiegħu. Qalet li f'każ li l-appellanti kellhom oġġezzjoni li ma tiddekorrix multa mill-Avviż *ai termini* tar-Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja, huma kellhom jintavolaw appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ħaġa li ma saritx. L-Awtorità appellata qalet li d-dritt ta' appell huwa rikonoxxut, fost oħrajn fl-artikolu 36 tal-Kap. 551 u l-artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Qrati ta' ġurisdizzjoni ġenerali m'għandhomx jistħarrġu pretensjonijiet li kellhom jitressqu fil-forma ta' appell quddiem tribunal imwaqqaf apposta, u li huwa rikonoxxut mill-ġurisprudenza kemm f'każijiet identiċi kif ukoll f'każijiet li jolqtu l-mertu ta' deċiżjonijiet amministrattivi oħra. Qalet li dan it-Tribunal twaqqaf b'membri speċjalizzati fuq l-ippjanar, u li kienet din ir-raġuni għalfejn il-leġislatur ried li jekk ikun hemm kontestazzjonijiet dwar deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, dawn għandhom jitressqu fil-forma ta' appell quddiem it-Tribunal imwaqqaf għal dan il-għan. L-Awtorità appellata qalet li deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u

wieħed ma jistax juża kontestazzjoni mressqa abbażi tal-artikolu 100(8) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiftaħ mill-ġdid il-mertu ta' Avviż li jikkostitwixxi deċiżjoni amministrattiva li llum hija *res judicata.* Qalet li għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ dan l-aggravju lanqas.

15. L-appellata żiedet tgħid fir-risposta tagħha li, il-fatt li Regolament għadu qiegħed jagħmel riferiment għall-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, ma jġibx in-nullità tal-multi imposti. Qalet li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 ġiet emendata permezz tal-Avviż Legali 294 tal-2016, fejn fir-Regolament 3 tal-istess Avviż Legali nsibu li d-definizzjoni ta''Att' fir-Regolament 2 tar-Regolamenti prinċipali ġiet mibdula biex tfisser l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jiġifieri l-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li għalhekk din l-oġġezzjoni m'għandhiex iġġib in-nullità tal-multa imposta u mitluba b'dawn il-proċeduri.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-Awtorità appellata qalet li hija ressqet biżżejjed provi biex turi li l-illegalità saret wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 276 tal-2012. Qalet li tul it-trattazzjoni finali li saret quddiem l-Ewwel Qorti, hija spjegat li l-pretensjoni f'dan l-aggravju ma ġietx imressqa fir-rikors promutur, u fissret ukoll li l-kontestazzjoni kellha ssir permezz ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Qalet li għalhekk l-argumenti miġjuba minnha fir-rigward tal-ewwel aggravju, għandhom japplikaw ukoll għall-mertu tat-tieni aggravju tal-appellanti. L-Awtorità appellata qalet li l-appellanti qegħdin jagħtu kuntest ħażin tal-fatti u l-provi relatati ma' dan il-każ. Qalet li fix-xhieda ta' Oliver Magro, ġew esebiti ritratti mill-ajru għas-snin 2008 u 2012, fejn l-illegalità tidher li kienet għadha ma saritx, u dan għaliex din saret bejn l-2013 u l-2017. Spjegat li waqt din ix-xhieda, ix-xhud intalab jagħti

rendikont ta' liema illegalitajiet fl-Avviż ta' Infurzar kienu suġġetti għall-multa, fejn dan wieġeb li l-parti milquta mill-multa kienet il-parti ta' wara li fuqha ntefa' l-konkos. L-appellata qalet li għalhekk mhux minnu li jingħad li x-xhud ikkonferma li l-estensjoni kienet diġà eżistenti, u dan ma setax jindika jekk fuq l-art kienx hemm konkos jew le, għaliex l-unika ħaġa li ntalab jispjega Magro kienet jekk il-konfigurazzjoni tal-binja bejn ir-ritratt tal-2008 u tal-2012 kinitx l-istess. Qalet li Magro kien ikkonferma li x-xogħol sar bejn l-2013 u l-2017. L-appellata qalet li dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhud Robert Attard, li fix-xhieda tiegħu spjega li l-parti suġġetta għall-multa hija dik immarkata bil-*highlighter.* Dan ix-xhud qal li din il-parti ma tidhirx fuq ir-ritratti tal-2013, u li għalhekk huwa evidenti li din l-estensjoni saret wara. Qalet li l-fatt li l-illegalità tidher fir-ritratt tas-sena 2017, iżda fir-ritratt tal-2013 ma tidhirx, ifisser li hija kienet korretta meta ħarġet l-Avviż ta' Infurzar bil-multa ta' kuljum. Qalet li Oliver Magro fix-xhieda tiegħu spjega kif l-Avviż fil-fatt kien jindika b'mod speċifiku l-illegalità li kienet suġġetta għall-multa, meta qal li dik qegħda mniżżla aktar 'l isfel fl-avviż ta' infurzar, u Robert Attard ukoll ikkonferma liema mill-ħames punti msemmija kienu jikkwalifikaw għall-multa ta' kuljum fix-xhieda tiegħu. Qalet li għalhekk anki din il-pretensjoni tal-appellanti hija infondata, għaliex l-Avviż ta' Infurzar kien jagħti indikazzjoni ċara skont il-liġi liema illegalità kienet suġġetta għall-multa ta' kuljum.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in

konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-Awtorità appellata fir-risposta tagħha.

*L-ewwel aggravju: [applikazzjoni ħażina tal-liġi]*

18. L-appellanti jsostnu li minkejja li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp huwa analogu għal, u ġie mibdul mill-artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp), il-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi) li ġiet applikata fil-konfront tagħhom, ma ġietx emendata biex tirrifletti dan it-tibdil. Qalu li l-Qorti m'għandha l-ebda poter issewwi difetti jew żbalji leġislattivi, u għandu jirriżulta li l-ittra uffiċjali bil-pretensjoni ta' ħlas, intbagħtet lilhom abbażi tal-Avviż Legali 276 tal-2012. Qalu li l-Avviż kontra tagħhom inħareġ fis-sena 2017, meta l-artikolu 86 tal-Kap. 504 ma kienx għadu jeżisti, u għalhekk għandu jirriżulta li l-Awtorità tal-Ippjanar ibbażat ruħha fuq liġi li ġiet abrogata. Qalu li l-artikolu 86 tal-Kap. 504 tneħħa meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 107 tal-2016 fl-4 ta' April, 2016, u l-Avviż mibgħut lilhom għalhekk jirreferi għal liġi ineżistenti. L-appellanti qalu li min għandu poteri amministrattivi għandu jeżerċitahom fil-limiti li tagħti l-liġi, u fil-każ odjern kien hemm prinċipji ta' ġustizzja naturali li l-Awtorità appellata kellha tosserva. Żiedu jgħidu li ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jwassal għal nullità tal-ittra mibgħuta lilhom, u ladarba l-Ewwel Qorti applikat liġi ineżistenti, din m'għandha jkollha l-ebda effett fil-konfront tagħhom.

19. Il-Qorti tirrileva li minkejja li jirriżulta, anki minn dak li qalet l-Ewwel Qorti, li din is-sottomissjoni tqajmet waqt it-trattazzjoni li saret mill-avukat difensur

tal-appellanti, l-appellanti fil-fatt m'għamlu l-ebda talba f'dan ir-rigward fir-rikors promutur tagħhom. Ta' min jiġi rrilevat hawnhekk, li minkejja li l-proċeduri kienu mibdija mill-Awtorità tal-Ippjanar, fis-sens li kienet hi li bagħtet l-ittra ufficjali li ġiet reża eżekuttiva, l-appellanti ressqu rikors biex jippruvaw jannullaw il-multa li qegħdin jintalbu jħallsu. Fil-fatt, ir-rikors intavolat mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti kien ibbażat biss fuq il-premessa li Christian Camilleri mhuwiex is-sid tal-proprjetà in kwistjoni, u fuq il-kweżit li l-Awtorità appellata naqset milli tottempera ruħha ma' dak stipulat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 f'dak li jirrigwarda lil Nazzareno Camilleri, mingħajr ma ngħataw aktar dettalji dwar dan. Kienu dawn il-premessi li fuqhom l-appellanti bbażaw ruħhom, u kien fuq dawn il-premessi li l-Ewwel Qorti kienet mistennija li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha. Naturalment, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tibqa' siekta u ma tosservax li l-artikolu 86 tal-Kap. 504 inbidel mal-artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-Ewwel Qorti osservat ukoll li b'daqshekk ma jfissirx li l-multi li qegħdin jintalbu jħallsu l-appellanti huma nulli. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Borg et *vs.* Noel Xuereb**[1], proprju dwar dan il-punt:

> *"Sempliċi nota ta' osservazzjonijiet, li normalment tiġi ppreżentata wara li l-provi kollha tal-partijiet ikunu ngħalqu, ma tistax isservi biex iżżid talbiet jew eċċezzjonijiet li ma jkunux oriġinarjament inklużi fir-rikors ġuramentat tal-atturi jew fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu obbligu li joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet fid-dawl tat-talbiet u tal-eċċezzjonjiet imressqa. Għaldaqstant, l-aggravju li ressaq il-konvenut appellant ma jistax jiġi milqugħ, ħlief fil-każ li din l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata mill-Qorti stess ex officio. Fil-fehma ta' din il-Qorti, eċċezzjoni bħal din lanqas ma tista' titqajjem minn*

[1] 15.12.2015.

> *Qorti marte proprio u dan għaliex hawnhekk non si tratta minn kwestjoni ta' ordni pubbliku li l-Imħallef huwa obbligat jirrileva ex officio."*

20. Hawnhekk tqum waħedha l-mistoqsija dwar liema huma għalhekk il-kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li jistgħu jitqanqlu minn min irid jiddeċiedi l-vertenza li jkollu quddiemu. Huwa ben risaput li tali kwistjonijiet huma dawk l-eċċezzjonijiet li jaħseb għalihom il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament dawk marbuta mal-kompetenza tal-Qorti u dawk marbuta mal-proponibbilità tal-azzjoni. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippresedutata fis-sentenza fl-ismijiet **Veronique u Charmaine aħwa Amato Gauci *vs.* Marco u Anna konjugi Zammit**[2], fejn ġie spjegat illi:

> *"... mhux kull eċċezzjoni tista' titqajjem 'ex officio' mill-Qorti imma dawk biss espressament previsti mill-Kapitolu 12, ad exemplum l-artikolu 774 tiegħu dwar l-inkompetenza jew fejn il-kawża tkun illeċita għax ipprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għamil xieraq jew għall-ordni pubbliku (art. 990 tal-Kap. 16).*
>
> *Issa hu veru li "l-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku" (Vol. XLIX p.I p. 421) u allura l-iprem gwardjan tagħha hi l-Qorti. B'danakollu ġie ammonit illi "hu abbuż tal-kliem li jingħad illi, għaliex il-liġi tal-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku, ergo kull eċċezzjoni ta' proċedura anki stess meta jkun hemm lok għaliha, għandha tiġi rilevata mill-Qorti 'ex officio'" (**"Romeo Sammut – vs – Flight Lieutenant Kenneth Shaw Brown,** Appell Ċivili, 3 ta' April, 1964, Vol. XLVIII p.I p. 223)."*

21. Il-Qorti għalhekk, b'konsistenza ma' dak affermat f'dawn is-sentenzi appena ċċitati, tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta, filwaqt li ġibdet l-attenzjoni għat-tibdil leġislattiv li kien sar meta ġie introdott il-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, li assimila fl-artikolu 97 tiegħu dak li kien jipprovdi l-artikolu 86 tal-Kap. 504, għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi tal-premessi u t-talbiet li kellha quddiemha. Il-Qorti tosserva wkoll li f'każ li l-

[2] 19.05.2004.

appellanti jemmnu li nkisru fil-konfront tagħhom xi prinċipji ta' ġustizzja naturali, huma kellhom jispeċifikaw b'liema mod huma sofrew tali ksur. Dan għaliex ma jirriżultax li l-appellanti ma ngħatawx smigħ xieraq jew smigħ minn qorti indipendenti u imparzjali, iżda addirittura ngħataw sentenza fuq premessi li ppremettew huma stess għall-konsiderazzjoni u l-istħarriġ tal-Ewwel Qorti. Fuq kollox iżda, din il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-leġislatur naqas milli jibdel ir-Regolament biex jirrifletti l-enumerazzjoni fil-liġi kif inhi llum, ma jibdel xejn mill-fatt li kien hemm Avviż ta' Infurzar li wassal għall-impożizzjoni ta' multa li qegħda tiġi kkontestata, u dan l-avviż ġie reż eżekuttiv wara li l-appellanti naqsu milli jappellaw minnu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, fl-istess waqt li naqsu milli jikkonformaw ruħhom mat-talba li saritilhom fl-avviż ta' twettiq u infurzar mibgħut lilhom. L-appellanti mhumiex korretti jgħidu li l-Awtorità appellata qegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fuq liġi li ġiet abrogata, għaliex dan mhux minnu. Li ġara kien li kien hemm intervent leġislattiv li wassal għall-introduzzjoni ta' liġijiet ġodda li jirregolaw il-qasam tal-ambjent u l-ippjanar, li assimilaw fihom dak li kienet tgħid il-liġi preċedentement. Għaldaqstant lanqas m'huma korretti l-appellanti meta jgħidu li l-Ewwel Qorti qegħda tapplika liġi nulla jew liġi li m'għandha l-ebda effett fil-konfront tagħhom. Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni ħażina tal-fatti]*

22. L-appellanti saħqu li l-Avviż inħareġ fl-2017 abbażi ta' regolamenti tas-sena 2012 li ma kellhom l-ebda effett retroattiv, u dan fir-rigward ta' illegalità li tirrisali lura għall-2008. L-appellanti qalu li dak li qegħda tilmenta minnu l-

Awtorità appellata jmur lura għal qabel l-24 ta' Novembru, 2012, u dan meta ġie stabbilit, anki minn dak li qalu uħud mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri, li illegalitajiet li seħħew qabel l-2012 mhumiex suġġetti għall-ħlas tal-multi pretiżi mill-appellata. L-appellanti saħqu li l-Awtorità appellata naqset milli tipproduċi l-aħjar prova li l-illegalitajiet seħħew qabel l-2017, u li l-provi miġjuba f'dan ir-rigward la huma konvinċenti u lanqas huma konklussivi.

23. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li jirriżulta mill-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta li kemm ix-xhud Oliver Magro, kif ukoll ix-xhud Roderick Attard, ikkonfermaw quddiem l-Ewwel Qorti li l-illegalitajiet ta' qabel il-25 ta' Novembru, 2012 mhumiex milquta mill-multa imposta fuq l-appellanti, u li l-iżvilupp suġġett għall-multa seħħ bejn l-1 ta' Settembru, 2017 u t-8 ta' Ġunju, 2018. Oliver Magro fil-fatt għamel riferiment għar-ritratti mill-ajru li ttieħdu fis-snin 2008 u 2012, u li ma juru l-ebda illegalità, peress li din kienet għadha ma saritx, u għall-parti tax-xhieda tiegħu fejn dan ikkonferma li l-illegalità li għaliha qegħda tintalab il-multa seħħet bejn l-2013 u l-2017. Fil-fehma tal-Qorti d-diskrepanza bejn l-*aerial photo* meħud fl-2013 (a fol. 39 tal-proċess) u r-ritratt meħud fl-2017 (a fol. 38 tal-proċess), hija ċara u m'hija meħtieġa l-ebda prova ulterjuri li fil-fatt l-illegalità li minħabba fiha ġiet imposta l-multa, seħħet f'xi żmien bejn l-2013 u l-2017. L-appellanti ċertament li m'għandhomx raġun jisħqu li l-appellata ma ppruvatx l-allegazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward, u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**